

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-13 ta' Novembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bezirksgericht Bleiburg/Okrajno Sodišče Pliberk – l-Awstrija) – Čepelnik d.o.o. vs Michael Vavti

(Kawża C-33/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Servizzi fis-suq intern — Direttiva 2006/123/KE — Dritt industrijali — Kollokament ta' ħaddiema sabiex jitwettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni — Dikjarazzjoni tal-ħaddiema — Konservazzjoni u traduzzjoni ta' skedi ta' ħlas — Sospensjoni tal-pagamenti — Ħlas ta' garanzija mid-destinatarju ta' servizzi — Garanzija għal multa eventwali imposta fuq il-fornitur ta' servizzi)

(2019/C 16/07)

Lingwi tal-kawża: il-Ġermaniż u s-Sloven

Qorti tar-rinviju

Bezirksgericht Bleiburg/Okrajno Sodišče Pliberk

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Čepelnik d.o.o.

Konvenut: Michael Vavti

Dispożittiv

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuq il-persuna li tqabbad ix-xogħlijiet stabbilita f'dan l-Istat Membru li tissospendi l-pagamenti lill-parti kontraenti tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, jew anki li tħallas garanzija għal ammont ekwivalenti għall-prezz li jkun għadu dovut għax-xogħlijiet, sabiex jiġi żgurat il-ħlas tal-eventwali multa li tista' tiġi imposta fuq din il-parti kontraenti fil-każ ta' ksur ikkonfermat tad-dritt industrijali tal-ewwel Stat Membru.

⁽¹⁾ ĠU C 86, 20.3.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-13 ta' Novembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Den Haag – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X (C-47/17), X (C-48/17) vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawżi Magħquda C-47/17 u C-48/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (UE) Nru 604/2013 — Regolament (KE) Nru 1560/2003 — Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali — Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni — Talba għal teħid ta' responsabbiltà jew teħid lura ta' applikant għal ażil — Risposta negattiva tal-Istat Membru mitlub — Talba għal eżami mill-ġdid — Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1560/2003 — Terminu għal risposta — Skadenza — Effetti)

(2019/C 16/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag zittingsplaats Haarlem